MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 308/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Christopher James Chalker (K.I. 383600L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€434.22) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C80123053 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kella ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali l-kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 20 ta' Frar, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont erba' mija u erbgha u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€434.22) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------